MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 159/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**Vs**
**Carmen Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :-

fis-7 ta' Marzu 2005, u fi zminijiet ta' qabel, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex ggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi

grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' Lm530 bi hsara ta' Charlot Schembri;

fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, w li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar, xjentement, ghamlet uzu minn dawn id-dokumenti hekk falsifikati.

fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, saqet vettura numru JBA 414 ta' ghamla Peugeot minghajr ma' kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);

fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, saqet vettura numru JBA 414 ta' ghamla Peugeot, minghajr ma' kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Mejju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 308, 309 u 310 tal-Kaptiolu 9, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65, ir-Regolament 14(1) tal-Avviz Legali 476/2004, u l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104, sabet lill-appellanti hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti w ikkundannataha ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, ai termini ta' l-artikolu 28A tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha hatja tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, w tilliberaha fejn sabitha hatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u fi kwalunkwe kaz tirriduci l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

1. li l-ewwel zewg imputazzjonijiet ma gewx pruvati jew ma gewx pruvati sal-grad li titlob il-ligi. Ma kienx sar ezami korrett tal-provi. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti ghazlet li immedjetament wara li saret it-trattazzjoni mill-avukat difensur , tipprocedi biex taghti s-sentenza w issibha hatja.
2. Fit-tieni lok l-appellanti ma kkommettiet ebda frodi kontra Charlot Schembri w lanqas ma kienet ghamlet qliegh bi hsara tieghu. Ma tressqet ebda provi li turi li hi uzat xi ingann jew qerq biex iggieghel lil Charlot Schembri jiffirma c-cheque esebit a fol. 20. Il-fatt li kien hemm konsum ta' alcohol ma jfissirx li Schembri ma kienx responsabbli ghall-azzjonijiet tieghu. Il-versjoni ta' Schembri ma hix korroborata. Anzi hi eskluza mix-xhieda ta' Marvin Schembri u Jason Muscat. Li ghalhekk ma kien hemm ebda *messa in scena* frawdolenti. Charlot Schembri kien konsapevoli li l-appellanti kienet timlilu c-cheques hi w hu jiffirmhom u qatt ma ressaq ilment kontriha qabel ma gew ritornati c-cheques in kwistjoni. Ma hemm ebda imputazzjoni ta' serq ta' *cheque books* ta' Charlot Schembri w ma tressqet ebda prova li turi li l-appellanti kienet hadet ic-*cheque book* ta' Schembri minghajr il-kunsens tieghu. Kieku Schembri verament ma kienx jaf li hargu c-cekkijiet in kwistjoni w li l-imputata kienet ingannatu, huwa zgur kien jaghmel rapport immedjetament u mhux jistenna xhur shah sakemm mar jaghmel dar-rapport u dan biss meta c-*cheques* gew

ritornati. Li fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ma hemm ebda allegazzjoni li l-appellanti qatt uzat xi kwalifiki foloz jew xi isem falz jew xi tip t' ingann iehor u ghalhekk din l-imputazjoni zgur li ma tirrizultax. Inoltre ma kien hemm ebda qliegh da parti tal-appellanti w dan ghax hi kienet tirrifondi l-ammonti lil Schembri w kienu juzaw ic-*cheque book* ta' Schembri semplicement ghax l-appellanti ma kelliex *cheque book*. Tant li meta giet informata li c-c*heques* ma kienux ghaddew, ghamlet pagament ta' LM100 in kontanti lil Schembri.
3. Fit-tielet lok, il-fatt li c-*cheques* gew prezentati mill-appellanti ma jezonerax lill-Prosekuzzjoni milli tipprova li kien jissussisti r-reat ta' falsifikazzjoni mill-appellanti dedott fit-tieni imputazzjoni. Wiehed mic-*cheques* kien bla firma w ghalhekk kien hemm l-inidonjeta' assoluta tal-mezz. Dan qatt ma missu gie accettat mill-lukanda. L-istess japplika ghar-rigward ta' *cheque* iffirmat minn Schembri stess. Ghar-rigward taz-zewg *cheques* l-ohra ma ngabet ebda prova li dawn kienu gew iffirmati minnha w mhux minn Charlot Schembri stess. Il-versjoni li ta x-xhud Karl Fenech li ra lill-appellanti mhux biss timla c-*cheque* imma anki tiffirmah, mhix kredibbli.
4. Subordinatament, ghandu jkun hemm temperament fil-piena li tirrispekkja l-fedina penali tal-appellanti u li tiehu kont ic-cirkostanzi tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravji kollha, hlief l-ahhar wiehed dwar il-piena, jirrigwardaw direttament jew indirettament l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-

konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very *reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Ghalhekk din il-Qorti regghet ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet u cioe' dawk ta' r-reati kontinwati ta' truffa w falsifikazzjoni w uzu xjenti ta' dokument falsifikat rispettivament.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-kaz kif jirrizultaw mill-provi traskritti huma fil-qosor is-segwenti. L-appellanti kienet bdiet ticcattja fuq l-internet ma w saret habiba ta' Charlot Schembri w huma ghamlu xi zmien johorgu flimkien bejn April u Settembru, 2005 u jmorru f' xi lukanda w darba anki ghamlu xi tlitt gimghat Ghawdex flimkien. Schembri jallega li l-appellanti kienet tghid li hi jew kienet spettur jew surgent fil-Pulizija w li anki kienet membru tas-sigurta' tal-Prim' Ministru f' Kastilja. Darba minnhom organizzatlu *surprise birthday party* f' Zonqor Point Restaurant u meta gew ghall-hlas, talbitu jiffirma c-cheque tieghu stess ghall-pagament, wara li mlietulu hi (Dok. AB1 a fol. 20). Charlot Schembri xehed li hu kien iffirma minghajr ma kien jaf x' qed jiffirma dak in-nhar ghax kien hadu x-xorb. Qed jigi allegat li l-appellanti kienet timla c-*cheques* ta' Charlot Schembri w hu jiffirmhom. Xehed ukoll li hu kien minghalih lli l-appellanti kellha numru ta' stabbilimenti kummercjali fosthom l-Amazonia w li ghal xi zmien kien anki jahdem maghha bhala *security*, pero' qatt ma thallas. Dan pero' michud mill-appellanti. Allega wkoll li barra c-*cheque* tal-*birthday party* kienu nhargu tlitt *cheques* ohra mill-kont tieghu favur il-Lukanda Dolmen (Fols. 21,22 u 23) bla ma kien jaf u li l-firma fuq it-tnejn minnhom (fol. 21 u 22) ma hix tieghu w fuq wiehed minnhom (fol. 23) ma hemmx firma. Meta nduna b' dan ghamel rapport u ghalhekk bdew dawn il-proceduri.

L-appellanti xehdet li Schembri kien jitlobha timla c-*cheques* meta kienu jkunu flimkien umbaghad hu jiffirmhom u li dan kien isir ghax hi ma kellhiex *cheque book* u hu kien jghidilha biex timlihom hi ghax ma kienx ikollu aptit jikteb. Meta ic-*cheques* ma ghaddewx hi accettat li tirrimborzah il-flus u fil-fatt hallsitu LM200 darba minnhom. Hi ma tiftakarx li kienet iffirmat *cheques* hi stess kif qal Karl Fenech. Cahdet li kienet serqt ic-*cheque book* ta' Schembri mill-karozza. Meta Schembri kien iffirma c-*cheque* biex hallsu tas-*surprise birthday party* fiz-Zonqor Point Restaurant kien iffirma c-c*heque* Schembri w ma kien imlahlah xejn. Hi kienet tat il-flus lura lil Schembri ta'

din l-okkazzjoni. Gharfet il-kitba taghha fuq ic-*cheques* l-ohra imma cahdet li l-firma kienet taghha. Wiehed mic-*cheques* li nghata lid-Dolment Hotel kienet ghall-ikla li ghaliha, barra hi w Schembri, kienu prezenti diversi membri tal-familja ta' Schembri.

Ikkonsidrat;

Illi sfortunatament - u forsi ghaliex il-sentenza nghatat immedjetament wara li saret it-trattazzjoni kif jidher mill-*prime note* tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2008 (Fol. 123) - il-motivazzjoni moghtija fis-sentenza appellata hija skarsissima jew kwazi karenti ghal kollox u kull ma tghid l-istess sentenza huwa testwalment dan :-

*"..mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-imputata ghandha tinsab hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet kontra taghha. Il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni wrew bic-car li l-imputata approfittat ruha mill-ingenwita' tal-vittma u wettqet ir-reati dedotti. Meta xehdet in difesa, hi ittentat tezimi ruha mill-htija, pero' ma tat ebda spjegazzjoni plawsibbli jew veritjiera sabiex tiskolpa lilha nnifisha."*

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel akkuza li taghha l-appellanti nstabet hatja hi dik ta' truffa kontemplata fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Issa gie dejjem ritenut li biex jirrizulta r-reat ta' frodi b' eghmil qarrieqi jew truffa jew kif maghruf fil-gergo legali ta' "frodi bir-raggieri", il-kliem menzonier mhux bizzejjed ghaliex "*L-element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe' dawk l-artifizji jew raggieri idoneji li jinducu w li effettivament ikunu nducew lill-vittma fi zball - ingann - li b' konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent."* (ara : App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Emanuele Ellul"** [20.6.1991]; **"Il-Pulizija vs. Gino Zammit"** [17.9.2008] u ohrajn.

Issa fil-kaz in ezami dan l-element ta' messa in xena fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizultax. Jidher li seta' sar abbuz mill-fiducja ta' Charlot Schembri, meta l-appellanti kienet tithalla timla' c-*cheques* tieghu mill-istess Schembri, imma ma jidhirx li biex akkwistat din il-fiducja, l-appellanti, apparti xi kliem menzonier li setghet uzat dwar l-okkupazzjoni taghha jew xi proprjeta' taghha, uzat ukoll xi apparat jew artifizji jew raggieri idoneji. Jidher ukoll li meta harget dawn ic-*cheques,* l-appellanti kienet fil-kumpanija tal-istess Schembri w kienet qed thallas ghall-servizzi li nghataw lilhom it-tnejn flimkien.

Lanqas ma jirrizulta bla dubju dettat mir-raguni xi qerq pratikat, sija pure bil-kliem menzonier biss, li wassal ghal telf patrimonjali da parti ta' Charlot Schembri w a vantagg tal-appellanti, b' mod li jkun jirrizulta r-reat ta' frodi innominata kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, li jista' talvolta jkun kompriz u involut fir-reat ta' truffa ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni.

Ir-relazzjoni bejn l-appellanti w Schembri tidher li kienet wahda *"sui generis"*. Ghamlu xi zmien jiddevertu w johorgu flimkien *"living it up"* billi jieklu barra w f' zewg okkazzjonijiet anki jkollhom hbieb mistiednin taghhom. Qattghu anki tlitt gimghat flimkien Ghawdex b' kull ma dan jimplika w ma jidhirx li Schembri kien qed joggezzjona ghal din it-tip ta' hajja. Anzi kien jippresta c-*cheque book* tieghu biex ikun jista' jsir il-hlas ghal dan ix-xalar. Meta umbaghad l-appellanti qatghet ir-relazzjonijiiet li kellha mieghu w l-HSBC Bank *"marte propria"* waqqaf xi *cheques* fuq suspett ta' frodi, mbaghad beda l-inkwiet, li minnu skaturiet il-kawza.

Lanqas ma rrizulta li l-appellanti kienet serqet ic-*cheque book* ta' Schembri mil-car tieghu kif gie suggerit u f' kull kaz hi ma gietx akkuzata tas-serq tac-*cheque book*.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, fuq il-provi li hemm, ma kienx *"safe and satisfactory"* is-sejbien ta' htija tal-appellanti dwar l-ewwel imputazzjoni.

Ikkonsidrat;

Pero' jirrizulta indubbjament li meta nhareg ic-*cheque* ta' LM75 tal-15 t' Awwissu, 2005, li kopja tieghu tinsab a fol. 21, l-appellanti mhux biss imlietu hi imma addirittura ffirmatu hi ukoll meta l-firmatarju tac-*cheque* suppost li kien Schembri. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni skjetta w konsistenti - minnkejja l-kontro-ezami serrat li sarlu - ta' Karl Fenech (Fols. 63, 64 u 74).

Dan indubbjament jirrendi lill-appellanti hatja ta' falsifikazzjoni w ta' uzu xjenti ta' dokument falsifikat, u cioe' z-zewg imputazzjonijiet komprizi fit-tieni imputazzjoni. Ghalkemm l-appellanti cahdet li l-firem fuq iz-zewg *cheques* a fols. 21 u 22 saru minnha, din il-Qorti tara li l-versjoni tax-xhud indipendenti Karl Fenech fuq imsemmija fir-rigward ta' *cheque* minnhom - dak a fol. 21, hi ferm aktar kredibbli w qed tabbraccjha pjenament. L-appellanti, anki jekk kellha l-fiducja ta' Schembri, biex tikteb ic-*cheque* hi, qatt ma setghet taghmel il-firma ta' haddiehor fuq dak ic-*cheque*. Jidher *"ictu oculi"* li l-firma fuq id-dokument a fol. 21 hija differenti mill-firem tal-appellanti li jinsabu fuq it-tlitt pagni tal-istqarrija taghha a fols. 12 sa 14 tal-process u ghalhekk, jekk iffirmat, giet li ffirmat b' firma mhux taghha, u cioe' iffalsifikat firma.

Ghalhekk l-appellanti trid tirispondi ghal din it-tieni imputazzjoni, izda mhux bhala reat kontinwat, ghax il-falsifikazzjoni tad-dokument u l-uzu xjenti tal-istess dokument iffalsifikat, jirrizulta pruvat f' okkazzjoni wahda biss u cioe' dak tac-*cheque* a fol. 21. Ic-*cheque* a fol. 22 hadd ma ra lill-appellanti tiffirmah jew tipprezentah u dak a fol. 23 ma hux iffirmat minn hadd u, anki jekk il-kitba hi tal-appellanti, dan ma jikkostitwix falsifikazzjoni, ghax ebda ligi ma tipprojbixxi l-mili ta' *cheque* li jappartjeni lil haddiehor, sakemm dan ikun igib il-firma tal-firmatarju legittimu. Ghalhekk l-imputazzjonijiet migbura taht it-tieni imputazzjoni jirrizultaw pruvati mhux pero' bhala reat kontinwat.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti tosserva li minkejja li kienu ghaddew sentejn bejn meta l-appellanti giet akkuzata quddiem l-Ewwel Qorti w d-data tas-sentenza

appellata, l-Ewwel Qorti ma haditx il-briga li titlob fedina penali aggornata tal-appellanti, kif inhu indikat li ghandu jsir f' cirkostanzi tali. Kieku ghamlet dan, l-Ewwel Qorti kienet tinduna li fil-mori tal-kawza quddiemha l-appellanti kienet diga' giet kundannata darbtejn ghar-reat kontinwat ta' truffa, qliegh b' qerq, mizappropprjazzjoni w ta' *"trading in influence"* u dan ghall-reati minnha kommessi qabel ir-reati mertu ta' din il-kawza w d-darbtejn giet liberata a tenur tal-art. 22 tal-Kap.446. Kieku vverifikat dan, l-Ewwel Qorti ma kienetx tghid fis-sentenza appellata "*li l-imputata m' ghandhiex fedina penali refrattarja u ghalhekk f' din l-okkazjoni sejra tkun miti fl-ghoti tal-piena kontra taghha u ma tapplikax piena ta' prigunerija effettiva".*

B' dana kollu ladarba ma sarx appell mill-Avukat Generali dwar il-piena w ladarba din il-Qorti, waslet ghall-konkluzzjoni fuq raggunta ta' liberazzjoni mill-ewwel imputazzjoni w mill-attribut ta' reat kontinwat fuq it-tieni imputazzjoni, ser tkun kostretta li tnaqqas il-piena tas-sentenza sospiza erogata mill-Ewwel Qorti biex il-liberazzjoni tkun riflessa fil-piena erogata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi <u>tikkonfermaha</u> in kwantu sabet lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni li tikkomprendi kemm ir-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokument awtentiku w pubbliku jew ta' bank privat b' tibdil fil-firem skond l-art. 183 w l-uzu xjenti tal-istess dokument falsifikat skond l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, b' dana pero' li f' dawn iz-zewg reati ma jikkonfigurax ir-reat kontinwat, kif ukoll fejn sabet lil-appellanti hatja tat-tielet u r-raba imputazzjoni; u <u>tirrevokaha </u>in kwantu sabet lill-appellanti hatja tar-reati kontinwati kontemplati fl-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 18, 308, 309 u 310 tal-istess Kodici Kriminali kif ukoll fejn ikkundannatha ghall-periodu ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba (4) snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9, u minnflok tikkundannaha ghal sena w sitt xhur prigunerija sospizi ghall-erba (4) snin a tenur tal-istess artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti qed tispjega lill-appellanti bi kliem car ir-responsabbilta' taghha taht l-artikolu 28B jekk hija tikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija matul il-periodu ta' erba snin li jibdew jiddekorru mill-lum.

Finalment, il-Qorti qed tigbed l-attenzjoni tad-Deputat Registratur ghall-obbligu tieghu skond l-artikolu 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------